**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1213/97

Lawrence Bugeja

vs

Direttur tax-Xogholijiet Pubblici

Illum 3 ta’ Mejju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ l-1987 huwa sofra ingustizzja f’li ma nghatax promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Huwa ilu jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici mill-1979.

Fl-1987 meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Skilled Labourer, kienu hargu sejhiet ghall promozzjoni ghall-Engine Driver. Huwa kien ircieva l-acknowledgement, u baghtu ghalih ghall-interview.

Ghamel l-interview, u billi hass li kien mar tajjeb hafna kien perswaz illi kien ghadda.

Ir-rizultati minkejja li kienu lesti kienu thallew ghal wara l-elezzjoni, minhabba li kienet fil-qrib hafna.

Meta hargu r-rizultati wara li kien inbidel il-Gvern sab li ma kienx intghazel u thalla barra. Huwa kellu ghalfejn jissuspetta li r-rizultat originali kien inbidel. Dawn il-promozzjonijiet inghataw lil certi nies li ma kellhomx kwalifiki, esperjenza u seniority daqsu izda li kienu jappoggjaw lil Gvern ta' dak iz-zmien.

Ghaldaqstant ihoss li huwa gie maqbuz f'din il-promozzjoni ngustament minhabba t-twemmin politiku tieghu. B'hekk huwa gie mtellef l-opportunita' li javvanza fil-karriera tieghu, b'rizultat li gie effettwat fis-seniority, kif ukoll sofra danni finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xheida murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jigb prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjoni li gie mtellef ingustament b'lura mid-data li kienet harget kif ukoll jigi kkumpensat ghal dak kollu li tilef skond kif tiddeciedi l-Qorti jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tad-Dipartiment tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-2 ta' April 1979 bhala Labourer. Hu lahaq il-grad ta' Skilled Labourer fid-9 ta' Jannar 1981. Permezz tar-Riforma li sehhet fis-Settur Pubbliku fl-1 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent gie assimilat fil-grad ta' General Hand.

Illi l-procedura stabbilita fir-rigward ta' promozzjonijiet mac-Civil in generali u fid-Dipartiment tax-Xogholijiet in partikolari, dejjem kienet tohrog sejha ghall-postijiet vakanti. Fil-kaz tar-rikorrent, is-sejha msemmija hija dik b'numru 5/87 datata 16 ta' Jannar 1987.

Illi r-rizultat kien diga gie konkluz qabel id-data tad-9 ta' Mejju 1987.

Illi ghat-termini ta' Artiklu 5(4) ta' l-Att numru VIII ta' 1997 dan it-Tribunal ma ghandux jiehu konjizzjoni ta' dan ir-rikors.

Illi r-rikorrent f'din is-sejha applika ghal grad ta' Engine Driver u nghata n-numru 821 ghal din is-sejha. Eventwalment ir-rikorrent gab 45 marka minn total ta' 100 u rrenda ruhu fl-84 post fl-ordni tal-mertu.

Illi r-rikorrent naqas li jikkwalifika jew li jilhaq il-kriterji pristabbiliti mil-Board kompost, jigifieri li jgib marka ghola minn dik ta' 50.

Illi wara rrizulta li l-maggor parti ta' applikanti fosthom ir-rikorrent ma kienux jippossjedu l-licenzja necessarja ta' Engine Driver kif stipulat fl-Estacode.

Illi minhabba l-incertezzi li kienet tikkontjeni din is-sejha gie deciz li titwaqqaf u fejn jikkoncerna l-engine Drivers gew irrakkomandati u eventwalment promossi dawk it-tlett applikanti li kellhom ir-rekwiziti necessarji msemmija aktar il-fuq.

Il-Bord rispettiv appuntat biex jiddetermina min kien jikkwalifika ghas-sejha hawn fuq imsemmija kien kompost minn Chairman, zewg membri tad-Dipartiment u rapprezentant ta' l-Establishments.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi din hi decizzjoni fuq l-eccezzjoni preliminari bazata fuq l-artikolu 5 (4) tal-Att VIII tal-1997. Ir-rikorrent gie moghti l-fakulta' li jipprezenta nota tal-osservazzjonijiet sal 11 ta' April, 2000 izda ma pprezenta xejn. Dan it-terminu gie estiz anke wara li l-kontroparti pprezentat nota ta' sottomissjonijiet u dokumenti fl-imsemmija data. It-Tribunal rega ta terminu iehor lir-rikorrent sas-17 ta' Jannar, 2001 izda xorta wahda r-rikorrent ma ipprezenta xejn.

Ra n-nota u dokumenti tal-intimat.

Ikkunsidra

Illi l-artikolu **5** (4) tal-Att VIII tal-1997 jghid:
"Dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju, 1987 jew wara l-15 ta' Mejju, 1995."

Ghalhekk il-legislatur ghamilha cara li ma jridx li jigu investigati ilmenti barra minn dawn id-dati. Ara wkoll f'dan is-sens Peter Magro vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici deciza fis-7 ta` Ottubru 1999, Formosa Paul vs Kap Kmandant Forzi Armati deciza fit-2 ta` Marzu 2000, Francis Caruana vs Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta, u Priscilla Pirotta vs Telemalta Corporation deciza fis-16 ta' Gunju, 1998.

Fil-kaz in ezami kienet harget Cirkolari 5/87 li permezz taghha ssejhu applikazzjonijiet ghall-impjegati tal-Gvern biex jimlew il-post ta' Engine Driver fi Grupp D. Gew mahtura sitt selection Boards u bejn Jannar 1987 u l-15 ta' April, 1987 saru l-interviews relattivi. Fil-15 ta' April, 1987 intbaghtu lill-Public Service Commission u fl-ittra li kien hemm mar-rapport ir-rapprezentant tal-Establishments gibed l-attenzjoni tal-Kummissjoni li l-unika applikanti ghall-post ta' Engine Driver li kellhom licenzja skond kif kontemplat fl-Estacode kienu Grech, Mamo u Vella [li gew it-3, 6, u 8]. Fl-interview r-rikorrent gab 45 marka u gie fl-84 post. Hu ma kellux licenzja ta' Engine Driver. Il-Kummissjoni mxiet a bazi tal-imsemmi selection process fejn dan kien konformi mal-Estacode.

Illi ghalhekk jekk stess saret xi ingustizzja kif jallega r-rikorrent din saret qabel id-data imsemmija fl-Att – qabel id-9 ta' Mejju, 1987. Ma kinitx il-Kummissjoni li eskluditu minn xi dritt akwizit precedentement ghax qabel id-data msemmija r-rikorrent kien wehel u kien qieghed fl-84 pusizzjoni. Dan sar kollu qabel id-data relevanti. Is-selection process li mxiet fuqu l-

Kummissjoni sar qabel Mejju 1987. Ir-rikorrent imkien ma allega li hu kellu jkun f'pusizzjoni ahjar mit-8 post.

Dak li gara qabel id-9 ta' Mejju 1987 ma jistax jigi sindikat mit-Tribunal u ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat u jiddikjara ruhu inkompetenti ***ratione temporis.***

Spejjez kontra r-rikorrent.